Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA` KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 24 – Il-Ħamis, 16 ta' Jannar, 2014**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-3.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Abela | Segretarju Eżekuttiv |

1. **Introduzzjoni mis-Sindku**

   Is-Sindku ta bidu għal-laqgħa.

2. **Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 23, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku**

   - Ittra mill-Inspire – ringrazzjament tal-involviment f'Bethlehem f'Għajnsielem
   - Borġ ġebel fil-ġnien ta' taħt Chambray – il-Kunsill qabel li tiġi ordnata bollard biex ma jkunux jistgħu jidħlu persuni b'vetturi fil-ġnien jarmu l-boroż taż-żibel u l-ġebel li hemm jitneħħa mill-ħaddiema tal-Kunsill u jintefa' ġo skip. Għandna ninformaw lid-Dipartiment tal-Agrikultura biex jagħtuna permess li jkun jista' jitwaħħal il-bollard.
   - *E-mail* b'ilment fuq l-istat li jinsabu fihom l-latrini fil-Pjazza Madonna ta' Loreto, fejn ilmentaw li l-din kienet fi stat maħmuġ ħafna fil-ġranet ta' Bethlehem f' Għajnsielem. Is-SE informat lill-preżenti li diġà ntbagħtet ittra lill-klabb tal-Football b'dan l-ilment.

- *E-mail* mis-Sur Emanuel Buhagiar mid-Dipartiment MSDEC fejn din l-ittra qed tgħid li daħlu rapporti li kien hemm moħqrija lill-ħmara tul kemm dam miftuħ il-Presepju. Is-Sindku rrisponda din l-*email b'kopja lill Moira Delia ,* fejn qal li wara li vverifika d-dettalji eżatt ma-sid il-ħmara u ma' Franco Ciangura, li hu l-*project manager* fuq il-post ta' Bethlehem f'Għajnsielem irriżulta li dak li qallu s-sur Buhagiar ma kienx minnu u stiednu biex jiġi fuq il-post u jara b'għajnejh il-verità. Is-Sindku qal li kien irċieva risposta mingħand is-sur Buhagiar fejn dan qal li l-affarijiet ġew iċċarati u rringrazzja lill-Kunsill tar-risposta.
- Ittra mis-Sur Philip Slates fejn qed jilmenta li l-Kunsill m'oġġezzjonax għat-tpoġġija ta' *circus* fir-raħal minħabba l-moħqrija tal-annimali.
- *Clean up day* organizzata mill-iskola Primarja t'Għajnsielem – il-Kunsill approva li jipprovdi l-boroż u l-ingwanti għat-tfal. Il-Kunsill qabel li grupp imur taħt il-fortizza ta' Chambray u grupp ieħor imur fit-Triq il-Bwier. Dati jkunu s-27 u l- 31 ta' Jannar.
- Is-SE spjegat bil-problema li nqalet meta nqata d-dawl, fejn ġie korrut il-programm tas-SAGE u xi problemi elettronċi oħra fil-kompjuters tar-*reception.* Kawża t'hekk jista jkun li l-*accounts* ma jintlaħqux mad-*deadline* tal-21 ta' Frar, 2014. Is-SE qalet li hija qabbdet lill-accountant biex tieħu ħsieb u ddaħħal l-*invoices* hi direttament fis-sage u l-affarijiet l-oħra li hemm bżonn. Is-SE qalet ukoll li diġà avżat lid-DLG u ħa nota ta' dan. Il-Kunsill qabel li jinxtara UPS biex ma jerġax jiġri hekk meta jinqata' d-dawl.
- Garanzija għal permessi ta' tpoġġiha ta' makkinarju fit-Triq Mġarr – is-SE spjegat li qed tkun ta' problema meta jingħata permess għal *crane* fit-Triq Mġarr, fejn l-applikant jinforma lill-impjegati tal-Kunsill li ma jkunx se juża t-triq biex jarma l-*crane*, iżda sempliċiment l-*parking bay*. Meta jsir hekk, ma jiġix ordnat warden, iżda qed jirriżulta li l-*crane* xorta jiġi armat fit-Triq, u joħloq konfużjoni tat-traffiku. Is-SE qed tissuġġerixxi li biex ma jsirx aktar hekk, tintalab garanzija ta' €50 lill-applikant mal-applikazzjoni għall-permess. Il-Kunsill qabel li jżomm garanzija ta' €50 meta l-applikant jgħid li m'hemmx bżonn jitqabbad warden. Din il-kundizzjoni se tapplika għal Triq Mġarr biss għalissa.
- Belvedere Hamri Street – is-SE informat lill-preżenti li l-kuntratt mal-MEPA għal fondi tal-UIF se jsir nhar it-23 ta' Jannar, 2014.
- Ħaddiem mad-Dipartiment tal-Agrikultura, is-Sur Philip Vella ġie transferit mad-DLG u mitlub li jirrapporta mal-Kunsill. Is-SE spjegat li hija għadha bla risposta mid-Direttur Joseph Portelli fuq il-mistoqosijiet li għamel il-Kunsill, iżda wara li vverifikat mad-DLG, jidher li t-transferiment tiegħu diġà sar bla ma taw kas il-kummenti tal-Kunsill. Id-Dipartiment tal-Agrikultura mhux se jibqa' jieħu ħsieb il-ġonna fir-raħal t'Għajnsielem skont il-kuntratt li kellu l-

Kunsill. Il-Kunsill qabel li jinxtraw masqa, suruglu, imqass taż-żabra, pala, xkupa u *chainsaw*. Il-Kunsill innota li hemm bżonn li jinżabru s-siġar fit-Triq Chambray u s-siġar taż-żebbuġ f' Ta' Passi u l-ħarruba fi Triq Filfla [wara li nirċievu l-permess mill-MEPA biex isir dan].

## 4. Performance Bonus tal-Ħaddiema Klerikali u Segretarju Eżekuttiv

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet il-*Performance Appraisals* tal-impjegati fejn qed tirrakomanda li jingħata 6% kemm lil Joseph Ciantar kif ukoll lil Sarah Attard. Il-Kunsill qabel li jagħti 6% lill kull impjegat.

Is-Sindku ressaq il-*Performamnce Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv lill-preżenti fejn huwa qed jirrakomanda 10%. Il-preżenti qablu ma dan.

## 5. Laqgħa tal-Lokalità

Il-Kunsill qabel li din issir nhar it-18 ta' Frar, 2014 fis-6pm.

## 6. Bethlehem f'Għajnsielem

Is-Sindku qal li s'issa l-ispiza telgħet għal ammont ta' €17,741.76. Kompla jgħid li għad fadal diversi kontijiet li jridu jiġu mħallsa, fosthom Micheal Galea (il-Mann). Is-Sindku qal ukoll li għad hemm id-dawl jixgħel filgħaxija u dan kien qed jammonta għal madwar 11-il *unit* konsum kuljum. Hu qal li jekk jibqa' jixgħel l-ammont ta' dawl li jkun inħela matul is-sena kien ser ikun ta' mijiet ta' *euros* u fl-opinjoni tiegħu ma kienx baqa' l-bżonn li jibqa' jixgħel għax Bethlehem f'Għajnsielem kien spiċċa. Franco kompla ma dan il-punt fejn qal li ħalla d-dawl jixgħel peress li hemm ic-*circus* pero fl-opinjoni tiegħu xorta għandu jibqa' jixgħel minħabba s-sigurtà. Is-Sindku qal li se ssir laqgħa mal-Kumitat Organizzattiv nhar il-Ġimgħa 24 ta' Jannar fil-Ministeru għal Għawdex u din il-materja tiġi diskussa. Saret diskussjoni fuq il-kmamar tal-injam jekk għandhomx jiżżarmaw. Is-Sindku enfasizza li skont il-permess tad-DNO il-bini jrid jiżżarma sal-14 ta' Frar, 2014, u għalkemm dejjem intqal bil-fomm, anke minn awtoritajiet tal-Gvern, li dawn l-istrutturi ser jibqgħu mwaqqfa, irrelevanti x'jgħid il-permess tad-DNO, din qatt ma ġiet bil-miktub mill-MEPA. Is-Sindku qal li almenu għandna nibdew inżarmaw l-istrutturi tal-injam sabiex nuru lill-MEPA li qed nimxu skont il-permess tad-DNO. Dan għaliex jekk joħroġ xi *enforcement notice,* ikun aktar diffiċli li l-permess *full* f'ta' Passi joħroġ. Is-Sindku qal ukoll li hu jaħseb li għas-sena d-dieħla l-kunċett ta' Bethlehem f' Għajnsielem għandu jinbidel u jsir wieħed fuq *Christmas Village* jew *Santa Clause Village* pero l-għar bin-nativitá għandu jibqa' wkoll. Hu qal dan għaliex issa wasal iż-żmien li jinbidel is-suġġett għax dak ta' Bethlehem f' Għajnsielem sar komuni u n-nies jieħdu gost li jaraw xi ħaġa differenti. Hu qal li apparti l-permess, kienet qed issir ħsara kbira lill-injam ta' dawn il-kmamar bil-

maltemp u xemx, aktar u aktar jekk dawn jibqgħu hemm is-sena kollha. Hu ġibed l-attenzjoni wkoll li għad hemm ħafna annimali, fejn il-Kunsill qed iħallas għall-ikel tagħhom u peress li dawn żdiedu, il-ħlas li kien qed iħallas għal għalf kien ser ikun żejjed għall-Kunsill. Franco Ciangura qal li hu jaqbel li l-kmamar jibqgħu hemm għax jiffrankaw ħafna xogħol u semma li jista' jkun li jsir xi pegent għaż-żmien l-Għid. Is-Sindku qal li hu ma kienx kontra li jsir pagent tal-Passjoni f' Ta' Passi iżda ma kienx jara li l-ħtieġa li l-kmamar tal-injam għandhom bilfors jibqgħu hemm.

Franco qal li l-annimali għandhom jibqgħu hemm, bħall-mogħoż, żiemel, ħmara u papri u l-ikel jitħallas mid-donazzjonijiet. Is-Sindku qal li jekk jigri xi inċident lil xi annimal, bħalma ġara fil-każ tal-baqra x'ser jiġri? Għalhekk ġie deċiż li din il-materja wkoll tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kumitat Organizzattiv li ser issir fil-Ministeru għal Għawdex

Franco qal li se jsir *Get-to-gether* b'ringrazzjament għal-voluntiera u l-atturi u għal kull min ħadem f'din l-edizzjoni ta Bethlehem f'Għajnsielem nhar il-Ġimgħa fis-7.30 pm. Il-Kunsill qabel li l-Kumitat Organizzattiv jħallas l-inbid għal dan ir-riċeviment.

## 7. Budget 2014

Is-SE talbet lill-preżenti biex jgħidu l-proġetti li jixtiequ jwettqu għal din is-sena biex ikunu jistgħu jitniżlu fil-*budget*. Il-Kunsill semma' li apparti l-proġetti li hemm pjanati mis-sena preċedenti, jkun hemm kollaborazzjoni ta' €12,500 għall-grownd tal-*football*, u jekk jista jkun titqaxxar Triq Ħamri u tingħata wiċċ wieħed bit-tarmak.

## 8. Talbiet mir-residenti

- Mera fit-Triq Borg Għarib li kienet tkissret – approvata mera miż-żgħar
- *Double yellow lines* quddiem il-bieb tar-residenza 'Buttigieg House', Triq Għajnsielem – il-Kunsill approva din it-talba.

## 9. Materji oħra

Francis Cauchi

- *Double yellow lines* fit-Triq Malta – is-Sindku qal li kienet saret talba minn Josephine Cardona biex isir *double yellow line* ta' metru quddiem ir-residenza ta' *block* flats fi Triq Malta, peress li r-raġel tagħha, li kien anzjan kien qed isiba diffiċli biex joħrog mir-residenza. Is-Sindku qal ukoll li kien ser ikellem lil min jipparkja il-karozza u lis-Sinjura Cardona biex jara jintlaħaqx ftehim bejniethom. Il-Kunsill pero qabel li ssir applikazzjoni għal-*double yellow lines* jew parir minngħand TM.

Larry Buttigieg

- Ritratti lill-atturi li pparteċipaw f'Bethlehem f'Għajnsielem – jitqabbad Joseph Sultana biex jagħmel is-*cds.*
- Nippremjaw lil Frankie Saliba, Darren Azzopardi, James Said – Ġie deċiż li din għandha tiġi diskussa waqt il-laqgħa tal-Kumitat Organizzattiv. Paul Saliba għandu jingħata 30 siegħa *time off* tal-ħin li ħadem fil-Ħdud u wara l-ħin tax-xogħol.

Franco Ciangura

- Pjan għall-Għid f'Ta Passi, li jista' jsir mill-Kunsill b'kollaborazzjoni mal-Għaqda Drammatika t'Għajnsielem – l-idea tista' tkun li jintgħażlu 6 siti minn Ta Passi u jsiru 6 siltiet mill-Bibbja li tirrefletti l-passjoni u l-mixja ta' Kristu sal-Kalvarju. Din tista' ssir qisu *play*, u tiġi ripetuta darbtejn kull darba. Franco qal li din għadha biss idea peress li għad irid jinkiteb skript sħiħ. Dawn il-*plays* jistgħu jsiru fi 3 ġranet u issir 6 darbiet b'kollox. Iż-żmien għandu jkun bejn id-Duluri sa Ħadd il-Palm. Il-Kunsill għandu jiddiskuti din l-idea aktar 'l quddiem.
- Ikla li organizza Franco Ciangura għall-atturi u *helpers* ta' Bethlehem f'Għajnsielem – il-Kunsill ħa ħsieb li ħallas ftit *apitizers* u xorb, u l-Kumitat Organizzattiv se jħallas il-kumplament.
- Issir PVC *board* fejn turi l-idea tal-proġett tal-Belvedere u titwaħħal fuq il-post.
- Fejn inqalgħet il-palma fit-Triq Wied ir-Rajjes jitnaddaf mill-ħaddiema tal-ETC u tiġi miżrugħa xi siġra oħra – il-preżenti qablu ma dan.
- Sqaq fit-Triq Mġarr, l-ewwel wieħed mix-Xatt li jagħti għal Ta' Passi – jitnaddaf u jinqalgħu xi siġar tat-tusku u jinbena ħajt tal-ġebel fit-tarf tal-passaġġ fejn hemm il-periklu minħabba l-wied.
- Kamra tal-*plastic* fuq il-Belvedere li ġiet imwaħħla mill-GO plc – is-Sindku rrisponda li din hi permanenti peress li hi *repeater* u saret biex ikun hemm aktar saħħa ta' *reception* għall-Internet u mobile tal-GO.
- Staqsa fuq l-iżvilupp fuq il-permess tal-MEPA fuq Ta passi, u jekk jista jkun biex Ta' Passi ma jintelaqx fis-sajf u ma ssirx ħsara sabiex dan il-post jibqa' miżmum ħafna aħjar. Il-Kunsill qabel li jistenna l-laqgħa li se ssir mal-Ministru għal Għawdex biex naraw jekk żviluppawx aktar affarijiet fuq il-permess *full* tar-Recreation Park.

Peter Caruana

- Jingħata ftit *cement* quddiem ir-residenza ta' Lina Grima fit-Triq Latini peress li t-triq niżlet u kien qed iżomm ħafna ilma f' din il-parti. – il-preżenti qablu ma dan.

Stephen Mercieca

- Għadda suġġerimemnt li tiġi ppolixjata il-bankina tal-porfido fil-Pjazza Independenza – is-Sindku se jieħu ħsieb biex jara min ikun jista jagħmel dan ix-xogħol.
- Jitnaddaf il-wied faċċata tal-Playing Field tal-Gudja

**Tmiem il-laqgħa**

Wara li kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 18 ta' Jannar 2014, fis-3.00pm, is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-6pm.

| | |
|---|---|
| Francis Cauchi | Amanda Abela |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |